

# IL-WARDIJA LI TAT ISIMHA LIN-NADUR

## PAĠNA MILL-ARKIVJU NAZZJONALI

Mons. Joseph Cauchi

QEGĦDIN NIPPUBBLIKAW DIKUMENT LI JINSAB FL-ARKIVJU NAZZJONALI TA' GĦAWDEX LI JIKKONSISTI FI ĦLASIJIET MAGĦMULA GĦALL-BINI TAL-GARDJOLA TAN-NADUR FIL-BIDU TAS-SENA 1613 – ERBA' MIT SENA ILU. JINSABU REĠISTRATI FIT-TIELET VOLUM TAL-ACTA TAL-UNIVERSITAS GAUDISII, IL-GVERN REĠJUNALI TA' GĦAWDEX FI ŻMIEN IL-KAVALLIERI TA' SAN ĠWANN (1530–1798), FOLJU 105V (NAG, UG, ACTA, 3/1612–1613, 105V).

Din hi t-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-ħlas:

Noi infrascritti Giurati del Isola et Università del Gozzo per il presente nostro mandato comettemo a voi Manifico Thomasio Gauci, Thisorero di essa Università che dalli introijti di essa Università habbiate pagare alli infrascritti personi la infrascritta somma; videlicet...
item Scudi uno, tarì doi a Martino Camilleri per murare la guardiola del Nadur;
item a Mastro Bernardo Rugier, scudo uno per otto balati per coprire detta guardiola ta Nadur;
item ad Angelo Borg per portare detti balati, tarì otto;
item al buttaro, tarì quattro...
et a cauthela nostra fecemo fare il presente mandato; die decimo tertio mensis Februaris 1613.



L-Università mhux biss kienet iżżomm l-għassa mit-tliet gardjoli taċ-Ċittadella – kif semmejna fl-aħħar dokument ippubblikat – iżda wkoll min-numru mhux magħruf ta' gardjoli jew wardijiet imxerrda mal-gżira. Il-kelma wardija fil-Malti daħlet mill-Isqalli uardija u mit-Taljan guardia. Tfisser post tal-għassa jew fortizza żgħira fejn jintasbu l-gwardji jew l-għassiesa. Bl-Għarbi, tingħad nadur, post minn fejn wieħed jondor jew jgħasses.

Il-wardijiet ta' Għawdex ma nafux fejn kienu, iżda għandna ħjiel toponomastiku fuq tal-inqas tlieta minnhom. Fit-trufijiet tal-irdum lil hinn mir-raħal ta' Santa Luċija għandna Ras il-Wardija. Minn Ras il-Wardija setgħu josservaw il-bċejjeċ tal-baħar riesqa lejn l-art mix-Xlendi sad-Dwejra. Din il-wardija tissejjaħ ukoll it-Torri tal-Wardija; il-pedamenti tagħha għadhom jidhru sewwa.

Fit-trufijiet tar-raħal tal-Qala hemm ukoll post jismu il-Wardija. Minn hawn setgħu josservaw il-movimenti tal-bċejjeċ tal-baħar minn Ras il-Qala 'l ġewwa; jiġifieri Ħondoq ir-Rummien, Bejn il-Kmiemen (il-Blue Lagoon), sal-port tal-Imġarr. Issejħet ukoll il-Għolja tal-Wardija, għalkemm il-post hu iktar ilsien art milli għolja. Sa xi għoxrin sena ilu, qabel sar żvilupp fl-inħawi, kienu għadhom jidhru l-fdalijiet ta' din il-wardija.

It-tielet wardija kienet fuq l-ogħla post tan-Nadur – possibbilment, iżda mhux bilfors, fejn illum hemm it-Torri ta' Kenuna. Il-fatt li dan il-post tal-għassa ma jissejjaħx il-wardija iżda in-Nadur joffri ħjiel dwar il-qedem ta' din l-għassa. L-isem jindika li l-għassa ssejħet hekk meta l-lingwa mitkellma Maltija kienet għadha tuża vokabularju Għarbi. In-nadur sar il-wardija meta wara l-bidu tal-ħakma tan-nazzjonijiet Ewropej (1127+) beda dieħel l-użu tal-Latin u tal-Isqalli. Iżda l-isem toponomastiku ta' dan il-post tal-għassa wasal sa żmienna għax ta ismu lill-ikbar raħal ta' Għawdex, in-Nadur.

Intant dan id-dokument jixhed li l-gardjola tan-Nadur inbniet mill-ġdid erba' mit sena ilu sewwa. Martin Camilleri tħallas skut u rbigħajn biex bena, murare, din il-wardija. Mastru Bernardu Rugier tħallas skut biex ipprovda tmien xorok, balati, għas-saqaf. In-numru ta' tmien xorok jagħti ħjiel tal-kobor ta' din il-wardija. Anġlu Borg tħallas tmien irbgħajja biex ġarr, per portare, dawn ix-xorok f'posthom. Il-buttaro jew il-kaħħal, li ma jissemmiex b'ismu, tħallas erbgħa rbgħajja.

Erba' mit sena ilu, in-Nadur kellu wardija ġdida. ■